

31968R0421

L 88/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.4.1968

**IR-REGOLAMENT (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 421/68 TAL-KUNSILL
tal-5 ta' April 1968**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill Nru 426/67/KEE, 6/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi s-salarji tal-membri tal-Kummissjonijiet KEE u EAEC u ta' l-Awtorita Għolja li ma ġewx maħtura membri tal-Kummissjoni Waħdanija tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni Waħda għall-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu;

Billi huwa fidejn il-Kunsill li jiddetermina s-salarji ta' l-ex membri ta' l-Awtorita Għolja u tal-Kummissjonijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea li, ma' tmiem il-kariga, ma ġewx maħtura membri tal-Kummissjoni;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 1968, dan li ġej għandu jieħu post l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 423/67/KEE, Nru 6/67/Eurotom ⁽²⁾ tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi s-salarji tal-membri tal-Kummissjonijiet KEE u EAEC

u ta' l-Awtorita Għolja li ma ġewx maħtura membri tal-Kummissjoni Waħdanija tal-Komunitajiet Ewropej:

"Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 5, 11, 12, 13, 15, 17, 18, 19 u 21 tar-Regolament Nru 422/67 KEE, 5/67/Eurotom għandhom japplikaw għall-ex membri ta' l-Awtorita Għolja u tal-Kummissjonijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika msemminja fl-Artikolu 1; id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 7, 8, 9 u 10 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għalihom mill-1 ta' Jannar 1968 u d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tiegħu għandhom japplikaw għalihom b'mod analogu mis-6 ta' Lulju 1967 sal-31 ta' Diċembru 1967; fejn il-kondizzjonijiet ta' l-Artikoli 7 sa 10 ta' dak ir-Regolament jkunu milħuqa simultanjament, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 tiegħu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-5 ta' April 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COUVE DE MURVILLE

⁽¹⁾ ĠU C 152, tat-13.7.1967, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 6.